MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 13/2010

**A**

**vs**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Illi fl-11 ta' Novembru 2010 il-Bord tal-Appell Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud ippronunzja d-decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"Il-Bord,***

*Fl-20 ta' Awwissu 2008, l-appellant **A** kumpanija registrata fi Franza li tahdem bhala bennej ta' strutturi metallici issottometta l-Formola B tal-Appell kontra decizjoni tad-Dipartiment li jirrifjuta parti mit-talba ghall-Input VAT*

*mitluba mill-Kumpanija appellanti maghmula bis-sahha tad-Direttiva 8 tal-Unjoni Ewropea. It-talba kienet ta' €16,064, li minnha gew approvati biss €3,580, u kienet tkopri xi xoghol maghmul mill-appellant gewwa Malta. Ir-raguni tan-nuqqas kienet li l-appellant ma kienx ghamel it-talba fiz-zmien specifikat skond il-Ligi (Att Legali 219/044) jigifieri sa Gunju 2007, izda ghamel dan f'Dicembru 2007.*

*Ghan-nom tal-Kumpanija appellanti deher is-Sur Gilles Pradel, Assistant to General Manager, assistit minn Dr. Anthony Cremona, Avukat u minn Dr. Yanica Fino, Avukat. Ghad-Dipartiment tal-VAT deher is-Sur Anthony Cutajar, Principal. Kien prezenti wkoll is-Sur Roderick Zammit Randich, Assistent Principal.*

*Dr. Anthony Cremona fisem l-Appellant qal illi parti mill-invoices kienu mahruga fis-sena 2007. Huwa qal ukoll illi qabel dahlu ghal din il-bicca xoghol, l-appellant qatt ma kien gie Malta u meta gie flimkien mal-Kumpanija biex jaghmlu dan il-progett kien ghamel appuntament ma' ufficjal tad-Dipartiment biex jintroduci l-Kumpanija u l-progett li kienet ser taghmel gewwa Malta u biex jara xi procedura kellu jsegwi. Huwa kompla jghid illi l-appellant kien infurmat illi ma kellux ghalfejn jirregistra mad-Dipartiment tal-VAT f'Malta u kull ma kellu jaghmel kien li jimla applikazzjoni biex jiehu l-Input VAT lura. Kien infurmat ukoll illi kien hemm xi spejjez li taghhom ma kellux dritt ghall-Input VAT. Huwa kompla jghid illi l-ufficjal tad-Dipartiment ma kienx semmielu l-Att Legali 219/04.*

*Mistoqsi mill-Bord jekk staqsiex dwar il-procedura li kellu jsegwi biex japplika ghall-Input VAT, l-appellant qal illi huwa spjega s-sitwazzjoni tieghu lill-ufficjal tad-Dipartiment u dan qallu li kull ma kellu jaghmel kien li jimla applikazzjoni, (liema applikazzjoni nghata kopja taghha) izda kompla jghid illi ma tahx aktar dokumenti. L-appellant qal ukoll illi l-ufficjal tad-Dipartiment, kien ta' ghajnuna kbira izda ma kienx qallu li kien hemm xi regolamenti ohra li kellu jimxi maghhom u qallu biex flimkien mal-applikazzjoni ghar-refund jehmez kopja tal-ftehim li kellu mal-Kumpanija Maltija biex isir ix-xoghol f'Malta u biex jibghat ukoll evidenza li l-Kumpanija appellanti hija*

*registrata fi Franza ghall-fini tat-Taxxa. Huwa qal ukoll illi kien sodisfatt hafna bl-attenzjoni li nghata mill-ufficjal tad-Dipartiment.*

*Tut is-seduta l-appellant iddikjara hekk :-*

*1. Li huwa ma kienx gab informazzjoni pertinenti fuq id-Direttiva 8 mill-awtoritajiet Francizi;*

*2. Li ma kellu l-ebda accountant f'Malta sabiex jghinu;*

*3. Li ma nghatax kopja tan-noti ta' kif applikant ghandu jimla l-Formola tal-Input VAT, liema kopja tezisti ghall-informazzjoni tat-taxpayer.*

*F'dan l-istadju issejjah jixhed l-ufficjal li kien attenda ghall-appellant, is-Sur Louis Camilleri. Huwa qal li ghalkemm huwa meta jipprintja kopja tal-applikazzjoni din awtomatikament ikollha maghha wkoll kopja tan-noti ta' spjegazjzoni, huwa ma jistax jghid fic-cert jekk f'dan il-kaz garax hekk aktar u aktar jekk l-appellant ma kienx talbu kopja specifikament, izda huwa jiftakar li kien gibed l-attenzjoni tal-appellant ghall-Att Legali 219/044.*

*Dr. Cremona f'isem l-appellant qal li irrispettivament minn dan kollu, kien hemm okkazzjonijiet fil-passat fejn applikazzjoni tardiva kienet accettata kemm mill-Bord tal-Appelli kif ukoll mill-Qorti tal-Appell ghal ragunijiet validi u li ghandu jsir hekk f'dan il-kaz.*

*Il-Bord wara li sema' bir-reqqa dak kollu li ntqal miz-zewg partijiet wasal ghall-konkuzjoni li l-appellant kellu l-obbligu li jara li jimxi mal-ligi meta huwa jkollu xi transazzjoni mal-awtoritajiet fiskali, specjalment meta huwa jkun qed jopera f'pajjiz barrani. Huwa difatti seta' jirreferi kemm ghand l-awtoritajiet ta' pajjizu kif ukoll seta' jfittex l-ghajnuna ta' persuna kompetenti gewwa Malta izda dan ma ghamlux. Mill-banda l-ohra, hemm dubju jekk l-ufficjal li rrefera ghandu fid-Dipartiment kienx ghaddielu l-informazzjoni kollha mehtiega.*

*Ghalhekk il-Bord jiddeciedi li n-nuqqas ghandu jingarr miz-zewg partijiet billi l-appellant jigi rifuz biss 50% tas-somma kkontestata.*

Rat ir-rikors tal-appell tal-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud datat 7 ta' Dicembru 2010 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-ewwel (1) ta' Marzu 2011.

Rat ir-risposta tal-appell tas-socjeta` appellata A  datata 26 ta' Jannar 2011 a fol 17 tal-process fejn sostniet ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tal-Bord hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-14 ta' April 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Veronica Aquilina ghall-Kummissarju tal-VAT, rapprezentat minn Alfred Caruana Pettett, u Dr. Anthony Cremona ghas-socjeta` appellata. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2011.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tal-Bord tal-Appell Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud fl-ismijiet premessi datata 11 ta' Novembru 2010.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-aggravju tal-appellanti huwa fis-sens li la darba kien hemm terminu stabbilit skond l-**artikolu 8 (1) tal-Avviz Legali tal-2004** sabiex issir l-applikazzjoni ghar-rifuzjoni ta' taxxa tal-VAT *(input tax)* hemm indikata, u la darba l-istess applikazzjoni ma saritx fit-terminu stipulat ta' sitt xhur mit-tmiem tas-sena kalendarja li fiha t-taxxa saret

dovuta, mela allura t-talba tal-appellant ghar-rifuzjoni kellha tigi michuda in toto u mhux milqugha f'50% ghas-somma kontestata.

Illi din il-Qorti rat id-decizjoni appellata u r-risposta tas-socjeta' appellata, u mill-istess risposta jidher li l-istess socjeta' qed targumenta li la darba hija tkellmet mar-rappresentant tal-appellant sabiex tinghata informazzjoni dwar kif kellha taghmel tali applikazzjoni ghar-rifuzjoni minnha mitluba, l-istess rappezentant ma indikax li kien hemm xi terminu mpost mill-ligi meta kellha ssir tali applikazzjoni, u allura ta' dan in-nuqqas il-Bord tal-Appell Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud kien korrett meta accetta t-talba tal-appellant fil-persentagg indikat fl-istess decizjoni, u dan ghaliex ir-rapprezentant tal-appellant kellu jinforma lis-socjeta' appellata, la din irrikorriet ghandu, dwar it-terminu meta kellha ssir l-applikazzjoni, u dan anke in vista tal-principju li l-operat tad-Dipartiment ghandu jkun dejjem in bona fede **("Testaferrata Moroni Viani et vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** – A.C. – 22 ta' April 1996); **"Avukat Peter Fenech nomine vs Dipartiment tal-Kuntratti"** (A.I.C. (PS) – 27 ta' Gunju 2008); hawn l-appellant ghamel riferenza ghall-principju ta' *"legitamate expectations and the principle of legal certainty"* kif ikkonfermat fid-decizjoni **"Belgocodex S.A. vs Belgium State"** (C – 381- 97 – 3 ta' Dicembru 1998) u hawn issir riferenza ghar-risposta dettaljata tas-socjeta' appellata fuq dan il-punt.

Illi din il-Qorti thoss li l-appell kif sottomess mill-appellanti huwa gustifikat ghal kollox u dan peress li la darba l-istess Ligi, f'dan il-kaz permezz tal-**artikolu 8 (1) tal-Avviz Legali 219/2004** timponi terminu meta ghandha ssir tali applikazzjoni u tali terminu ma jigix rispettat, ma hemmx dubju li tali applikazzjoni tardiva ghandha tigi kkunsidrata bhala nulla u bla effett u dan kemm ghaliex tali terminu huwa perentorju fih innifsu, u ghaliex din hija materja ta' ordni pubblika u dan ghaliex huwa principju assodat u konsistenti osservat dejjem mill-Qrati nostrali li meta l-ligi timponi jew tippreskrivi li certu atti ghandhom isiru f'certi termini, dawk it-termini, in kwantu perentorji, ghandhom jigu osservati *ad unguem,* ghaliex fin-nuqqas, dak l-att ma

jistax jitqies ritwali u ghandu anzi jigi kkunsidrat bhala mhux ipprezentat. Dan ifisser li in linea ta' massima generali, it-terminu, la darba skadut, ma jistax jigi prorogat, eztiz jew sanat minn hadd, la mill-Bord u lanqas mill-Qorti, u din ir-regola hija tant bazilari li tista' titqajjem mill-partijiet f'kull stadju u anke ex ufficio mill-Qorti **("John Azzopardi (J.A. Trading) vs il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud"** A.I.C. (PS) – 12 ta' April 2007); **"Joseph Oliver Ruggier vs Awtorita`' ta' l-Ippjanar"** – A.C. - 14 ta' Gunju 1999); **"Michael Fenech vs Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u Sisa"** (A.I.C. – 20 ta' Ottubru 2003); **"Harry Calleja vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) – 27 ta' Jannar 2003); **"Blevins Franks International Ltd. vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud"** A.I.C. – 4 ta' Mejju 2005); **"Paramount Kiosk vs Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa"** (A.I.C. (PS) – 28 ta' Jannar 2008); **"Alfred Caruana vs il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud"** A.C. – 25 ta' Gunju 2010) . Kull argument iehor huwa superflu u minn hemm tohrog ukoll ic-certezza tad-dritt li f'dak li hija termini ta' procedura dawn ghandhom jigu applikati rigorozament, dment li l-Ligi stess ma tohloqx hija stess espressament xi forma ta' eccezzjoni, li certament ma huwiex il-kaz odjern. Dak kollu ghalhekk sottomess mis-socjeta' appellata kontrastanti ma' dan huwa ghal kollox irrilevanti ghaliex it-terminu indikat mill-Ligi hawn trattata ma jistax jigi estiz ghall-ebda raguni u lanqas jista' jigi njorat mill-appellant. Ghalhekk l-appell kif impost qed jigi milqugh.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tas-socjeta' appellata datata 26 ta' Jannar 2011 in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-appell interpost mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fir-rikors tal-appell tieghu datat 7 ta' Dicembru 2010 b'dan li tirrevoka d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud fl-ismijiet "A vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" (Appell Numru 22A – 08) datata 11 ta' Novembru 2010, u**

**b'hekk tichad l-appell interpost mis-socjeta' appellata quddiem il-Bord tal-Appelli Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud datat 20 ta' Awwissu 2008, b'dan li tiddikjara li l-applikazzjoni tas-socjeta' appellata A ghall-awtorizzazzjoni ta' rifuzjoni ta' *input tax* kellha u qed tigi michuda ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ghaliex hija nulla u bla effett ghaliex giet prezentata fuori termine u tardivament.**

**Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' appellata A.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------